# ITTRAĦBAR

MAĦRUĠA
MID-DIPARTIMENT
TAL-KOMUNIKAZZJONI
TAS-SERVIZZ PUBBLIKU

IS-27 ĦARĠA – LULJU 2021





## TITNIEDA R-REMOTE WORKING POLICY

**Ir-remote working se jkun qed joffri flessibiltà sħiħa lill-impjegati tas-Servizz Pubbliku, biex fuq bażi regolari jwettqu xogħolhom minn postijiet differenti lil hinn mill-uffiċju formali tagħhom.**

Se jkun hemm perjodu ta' tranżizzjoni ta' 18-il xahar biex din il-policy ssir effettiva u fl-istess ħin jispiċċa b'mod gradwali t-teleworking kif nafuh illum. Dan sabiex jilħqu jsiru t-tibdiliet kollha meħtieġa mill-aspetti ta' tagħmir, teknoloġija u taħriġ.

Kemm impjegati individwali u anke sezzjonijiet partikolari, dipartimenti jew funzjonijiet sħaħ, jistgħu jaħdmu remotament.

1. **L-impjegati pubbliċi għandhom jagħmlu talba bil-miktub biex jiġi kkunsidrat li jibdew jaħdmu remotament.**
2. **Il-Kap tad-Dipartiment jivverifika jekk dan ix-xogħol huwiex fattibbli li jsir remotament.**
3. **Impjegati li jaħdmu remotament għandhom jibqgħu jaħdmu bħala tim u jikkomunikaw mal-kapijiet tagħhom u mal-kollegi b'mod regolari.**

4. **Għandha ssir laqgħa fuq il-post tax-xogħol mill-inqas darba kull ġimagħtejn biex jitħares il-benesseri tal-impjegat u tiġi assigurata komunikazzjoni effettiva. Il-Kap tad-Dipartiment jista' jiddeċiedi li din il-laqgħa ssir fuq bażi individwali mal-impjegat jew b'mod kollettiv bħala tim.**

5. **Iridu jiġi ssettjati core hours u contact hours, li kollettivament iwasslu għal skeda ta' 40 siegħa fil-ġimgħa bħala medja.**

6. **Il-policy tħaddan il-prinċipju tar-right to disconnect**

7. **Sal-aħħar ta' din is-sena se jkun hemm 15-il sit ta' Remote Workspaces. Dawn se jkunu disponibbli fuq bażi ta' first come first served.**

Ir-Remote Working Policy ddaħħal ukoll gwidi biex tassigura standards professjonali fl-għoti tas-servizz, fil-protezzjoni tad-dejta u t-tagħmir teknoloġiku. Kull dritt salvagwardjat minn liġijiet, policies u ftehim settorali se jibqa' fis-seħħ.

Biex titħaddem din il-policy, se jiġi provdut mobile device li jkollu konnettività tad-dejta sikura, b'installazzjoni ta' IT software approvat. Taħriġ speċifiku, inkluż fuq l-użu ta' dan it-tagħmir, se jingħata mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi kemm lill-impjegati kif ukoll lill-kapijiet.

Din il-policy ssaħħaħ il-kredenzjali tas-Servizz Pubbliku fil-miżuri biex jintlaħaq bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol, filwaqt li toffri soluzzjoni li minnha se tibbenifika s-soċjeta'.

## SETTUR PUBBLIKU FLESSIBLI GĦAL TIBDILIET BLA PREĊEDENT

**L-uffiċċjali pubbliċi reġgħu kienu minn ta' quddiem biex pajjiżna jwettaq tibdiliet meħtieġa għal pajjiż modern. Propju fl-aħħar ġimgħat, pajjiżna għaddha mit-test tal-Moneyval u mar b'wiċċu minn quddiem fl-FATF.**

F'dan il-kuntest, is-settur pubbliku wera r-rieda u l-flessibbiltà tiegħu biex jippjana u jimplimenta proċess ta' tibdiliet bla precedent f'dawn l-aħħar ftit xhur, bl-għan li pajjiżna jkompli jattira investiment, joħloq il-ġid u jagħti għajxien aħjar lil kull min jgħix fuq dawn il-gżejjer.

Il-kap tas-Servizz Pubbliku Mario Cutajar bagħat ittra ta' ringrazzjament lill-entitajiet u l-ħaddiema kollha li ħadmu biex isir dan it-tibdil meħtieġ. Fl-ittra ta' ringrazzjament s-Sur Cutajar sostna li "fl-aħħar sibna skoll, iżda lkoll nafu li dak l-iskoll ma nstabx għax m'għamilniex li kellna nagħmlu jew għax xogħolna ma sarx".



# KELMTEJN MILL-KAP TAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Minn ħaġa għal oħra imma katina waħda. Pass importanti li qed isir bħalissa wara xhur ta' ħidma u esperjenzi anki mhux mistennija li setgħu tefgħuna lura imma użajniehom biex għaġġilna iktar f'dak li ridna nwettqu. Il-policy li għadna kemm xandarna dwar ir-remote working trid twassal għal bilanċi ġodda bejn il-ħajja u x-xogħol għall-ħaddiema tal-gvern kif ukoll bilanċi ġodda bejn il-ħtiġijiet tal-istess ħaddiema u dawk tas-servizz. Isir xi jsir is-servizz lill-klijenti jrid jibqa' wieħed ta' livell għoli u l-focus għandu jibqa' fuq il-klijent mingħajr l-ebda eċċezzjoni. Din hija policy li tqiegħed lis-servizz pubbliku fuq quddiem nett, leader fis-soċjetà anki fejn jidħol il-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol.**

Is-sistema ġdida ta' remote working mhix l-istess bħat-teleworking li hija meqjusa, kif ġiet maħluqa, biex tagħti nifs fejn hemm raġunijiet familjari. Ir-remote working policy hija sistema ħolistika ta' kif naħdmu u allura trid tiġi introdotta b'reqqa daqs dik ir-reqqa li kemm jista' jkun imxejna biha sakemm wasalna għat-tfassil tal-istess policy. Fil-fatt minkejja li ħarġet issa, il-policy se tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Ottubru li ġej u minn hemm insegwu tmintax-il xahar transizzjoni sakemm tkun totalment effettiva. Permezz ta' dis-sistema nemmnu li se nkunu qed nikkontribwixxu biex insaħħu l-karrieri mal-gvern u nserrħu iktar ras il-ħaddiema għall-ġejjieni tagħhom fejn jidħol il-bilanċ li ħafna jiġġieldu biex iżommu bejn il-ħajja u x-xogħol.

Ilna mill-2019 li bdejna proġett pilota fuq remote working li konna qed insegwu ħa nieħdu l-esperjenzi minnu biex infasslu kif l-aħjar taħdem is-sistema u naddottaw il-policy mas-servizz pubbliku kollu. L-imxija setgħet qerdet dal-proġett u oħrajn bħalu. Minflok, ħadna l-opportunità biex l-imxija tgħinna nifhmu iktar malajr xi ħtiġijiet ikun hemm biex ir-remote working policy taħdem possibilment aħjar milli konna qed nippjanaw. Stħarriġna d-dettalji kollha waqt li kellna naħdmu minn djarna u l-esperjenza saħħet it-tfassil tal-policy minn working group maħtur apposta li rrid ngħid li ħadem qatigħ u nirringrazzjah li wassal il-policy sa hawn u nawguralu jkompli jsegwi l-implimentazzjoni tagħha.

Ma' din il-policy hemm marbut xogħol ieħor li jrid jitwettaq u li qiegħed fi stadju ta' ppjanar bħalissa għax, kif għidt fil-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku 2021, ir-remote working iġib miegħu sfidi oħra. Jinħtieġ iktar investiment fuq diġitilizzazzjoni ta' servizzi ħalli d-data, l-informazzjoni, tkun tista' titrasferixxi ruħha b'ħeffa ikbar. Jinħtieġ naħsbu f'sistemi ġodda elettroniċi ta' żamma ta' dokumenti ħalli l-għarfien istituzzjonali ma jintilifx. Fi ftit kliem naqilbu fuq sistemi li jnaqqsu drastikament l-użu tal-karta. Din, flimkien ma' inizjattivi u miżuri oħra bħal dik li l-karozzi kollha tal-gvern jaħdmu bl-elettriku, iqiegħdu lis-servizz pubbliku leader fis-soċjetà Maltija anki fil-miżuri favur l-ambjent daqskemm is-servizz pubbliku huwa diġà leader fejn jidħol il-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol għall-impjegati tiegħu, leader fejn jidħol l-użu tat-teknoloġija fl-għoti ta' servizzi u leader fil-mod ta' kif jingħata s-servizz lill-klijenti. M'aħniex perfetti u għad fadal ħafna xi jsir imma grazzi għalik li tifhem il-messaġġ imxejna ħafna u ħafna.

**Mario Cutajar**
Segretarju Permanenti Ewlieni u Segretarju tal-Kabinett



# FIT-23 TA' ĠUNJU 2021 **IĊĊELEBRAT IL-JUM DINJI GĦAS-SERVIZZI PUBBLIĊI**

**Żjara lill-President ta' Malta Dr George Vella fl-okkażjoni tal-Jum Dinji għas-Servizzi Pubbliċi mis-Segretarju Permanenti Ewlieni u s-Segretarji Permanenti.**

Il-President ta' Malta Dr George Vella ta ħarsa lejn il-kwalitajiet li kienu prominenti fil-ħidma tas-Servizz Pubbliku fl-aħħar xhur. Hu semma l-effiċjenza tal-informazzjoni, l-innovazzjoni u l-mod u l-ħeġġa li bihom il-ħaddiema adattaw għal metodi ġodda ta' xogħol.

**"Minkejja d-diffikultajiet li fixklu r-rutina li l-poplu Malti kien imdorri biha, ix-xogħol fis-Servizz Pubbliku mhux biss baqa' għaddej iżda kompla jissaħħaħ"**

**– Dr George Vella**

Il-Kap taċ-Ċivil sostna li l-uffiċjali pubbliċi minn dejjem kienu minn ta' quddiem biex jagħtu servizz lill-pajjiż, u qatt ma ddiżappuntaw f'kull mument ta' prova.

**"F'moħħi jiġu l-infermiera u l-frontliners, l-uffiċjali pubbliċi li ma ħallewx il-pazjenti tagħna waħedhom f'dawn l-aħħar xhur. Lill-pulizija, is-suldati u l-membri tal-Protezzjoni Ċivili li ssibhom dejjem lesti jissugraw ħajjithom. Iżda wkoll uffiċjali pubbliċi oħra li kienu strumentali għal kull bidla fil-pajjiż. Dak ukoll huwa s-Servizz Pubbliku li jagħmel id-differenza fil-ħajja tan-nies"**

**– Mario Cutajar**





Waqt iż-żjara, is-Segretarju Permanenti Ewlieni ppreżenta lill-President ta' Malta l-aħħar żewġ pubblikazzjonijiet li ħareġ is-Servizz Pubbliku. Dawn huma djarju tal-bulettini kollha li nħarġu mid-Dipartiment tal-Informazzjoni waqt l-ewwel xhur tal-Covid-19, u l-pubblikazzjoni Il-Ħidma li tiġbor fiha x-xogħol kollu li sar mis-Servizz Pubbliku fl-aħħar 12-il xahar.

SEGWI Ż-ŻJARA KOLLHA **HAWNHEKK**

SEGWI SILTIET MID-DISKORSI MINN **HAWNHEKK**

## ĊERTIFIKAT IEĦOR GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**F'eżerċizzju li sar mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO) instab li:**

**80% tar-rakkomandazzjonijiet tal-Awditur Ġenerali ġew indirizzati**

Dan juri biċ-ċar kemm ir-rakkomandazzjonijiet tal-Awditur Ġenerali u istituzzjonijiet oħra ta' skrutinju jingħataw importanza mis-Servizz Pubbliku, biex dejjem tkun sostnuta l-governanza b'saħħitha u l-kontabilità.

**AQRA IKTAR HAWN**

# IPPREŻENTATI L-PUBBLIKAZZJONIJIET KOLLHA MAĦRUĠA MIS-SERVIZZ PUBBLIKU




## Xhieda tal-kontabbiltà li ddaħħlet fis-Servizz Pubbliku

Is-Segretarju Permanenti Ewlieni Mario Cutajar ippreżenta lill-Biblijoteka Nazzjonali l-kollezzjoni sħiħa ta' pubblikazzjonijiet li ħareġ is-Servizz Pubbliku fl-aħħar snin, biex dawn jitqassmu fil-libreriji pubbliċi mxerrdin ma' Malta u Għawdex għall-użu ġenerali tan-nies. Il-preżentazzjoni saret waqt żjara li l-Kap tas-Servizz Pubbliku għamel fil-Biblijoteka Nazzjonali fl-okkażjoni tal-Jum Dinji għas-Servizzi Pubbliċi ċċelebrat nhar l-Erbgħa 23 ta' Ġunju 2021.



Il-pubblikazzjonijiet ippreżentati jiffukaw fuq il-governanza u l-proċess ta' tiġdid li sar sa issa fis-Servizz Pubbliku, b'mod partikolari fuq is-simplifikazzjoni tal-burokrazija, l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Baġit u l-governanza tajba.

Għall-ewwel darba ġie ppreżentat ukoll djarju bil-bulettini kollha li ħarġu fl-ewwel xhur tal-immaniġġar tal-imxija tal-Covid-19 mid-Dipartiment tal-Informazzjoni. Din tinkludi pass pass x'sar mill-awtoritajiet fit-trażżin ta' din l-imxija.

> **"Dak li qed ngħixu llum hu żmien interessanti minħabba l-imxija tal-Covid-19; għaldaqstant ħsibna biex nippreservaw din il-ħidma li għamel is-Servizz Pubbliku matul l-imxija, matul il-proċess ta' tiġdid li għadda minnu flimkien ma' ħidma oħra u ngħadduhom lil ta' warajna"**
>
> – Il-Kap tas-Servizz Pubbliku **Mario Cutajar**

SEGWI L-PREŻENTAZZJONI **HAWNHEKK**

# L-UFFIĊJALI PUBBLIĊI TA' GĦADA

Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji għas-Servizz Pubbliku tajna spazju lit-tfal li pparteċipaw fl-attività **'X'Tixtieq Issir La Tikber?'** u qsamna mas-segwaċi tal-paġna tagħna fuq Facebook l-aspirazzjonijiet tagħhom.

Anke f'għajnejn it-tfal, is-Servizz Pubbliku jinsab fuq quddiem nett tas-soċjetà u jixtiequ li meta jikbru, huma wkoll jagħmlu d-differenza pożittiva f'pajjiżna.

**Il-Veterinarji u s-Suldati t'għada**



**Karriera fis-sajd u Għalliema**



**Artisti u Kokijiet**



**Pumpiera u Pulizija**



**It-Tobba u Nurses t'għada**



**Il-piloti u Ġurnalisti t'għada**




**Inġiniera u Kaptan**



**Accountants u Mużiċisti**



**Artisti u Mekkaniks**



**Karrieri fir-teknoloġija u Ambjent**



**Periti u Xjenzati**



**Avukati u Nutara**



**Restawratur**



AGĦFAS FUQ IL-KARRIERI BIEX ISSEGWI L-FILMAT RISPETTIV



## STRATEĠIJA TA' 5 SNIN GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**L-ewwel waħda tax-xorta tagħha, din l-istrateġija ta' ħames snin tidħol fis-seħħ fl-2022, u għandha viżjoni li twassal lis-Servizz Pubbliku għal servizz ta' eċċellenza.**

### L-ISTRATEĠIJA SE TIFFOKA FUQ 3 ELEMENTI LI FUQHOM JISTRIEĦ IS-SERVIZZ PUBBLIKU

1. IT-TEKNOLOĠIJA
2. IN-NIES
3. IS-SERVIZZ FIH INNIFSU

Il-prinċipji ewlenin tal-istrateġija se jkunu **l-Kwalità**, **il-Kontabbiltà** u **s-Sostenibbiltà**.

L-istrateġija l-ġdida se tiġi msaħħa bl-ideat tal-uffiċjali pubbliċi.

Għalhekk, qegħdin nistednuk biex tgħid tiegħek.



## GĦID TIEGĦEK INTI WKOLL!

Ibqa' aġġornat ma' dak kollu li jkun qed jiġri fis-Servizz Pubbliku

Facebook Website

# TIRRITORNA L-KAMPANJA
# ‘INSEBBĦU PAJJIŻNA’

Fil-bidu ta’ Lulju, ħaddiema tas-Servizz Pubbliku taw bidu għat-tieni kampanja ta’ ‘Insebbħu Pajjiżna’, inizjattiva kkordinata mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni. L-inizjattiva tiġbor flimkien impjegati pubbliċi minn diversi entitajiet biex jaħdmu kollettivament u jikkontribwixxu għat-tisbiħ ta’ pajjiżna.

Din hija t-tieni darba li qed tittella l-inizjattiva ‘Insebbħu Pajjiżna’ wara s-suċċess li nkiseb f’Mejju li għadda. Sfortunatament, waqt il-kampanja kellna żewġ ħaddiema li weġġgħu waqt li kienu qed jagħmlu xogħol ta’ tindif u manutenzjoni. Illum nieħdu gost inħabbru li ż-żewġ ħaddiema jinsabu qawwijin u sħaħ.

Riżultati tal-ewwel żewġ kampanji ‘Insebbħu Pajjiżna’:

- **612**-il km ta’ toroq u postijiet pubbliċi li tnaddfu mill-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku
- Miġbura **657** tunnellata ta’ skart u materjal li qabel kien qed iħammeġ it-toroq tagħna
- Inġabru wkoll **274** tunnellata ta’ skart tal-kostruzzjoni mormi illegalment
- Żebgħa ġdida fuq **265**-il central strip u roundabout
- Issewwew **55** ħajt tas-sejjieħ jew tal-franka
- Inbidlu **526** bozza tat-triq li ma kinux qed jaħdmu, u saret manutenzjoni fuq diversi bankijiet, railings, u għamara oħra tat-triq
- Tneħħew **2331** tabella illegali
- Tneħħew **70** dgħajsa abbandunata










## Segwi l-messaġġi ta' Claire Agius Ordway, Jacqui Losco u Keith Demicoli għall-kampanja **'Insebbħu Pajjiżna'.**



Claire Agius Ordway



Jacqui Losco



Keith Demicoli

### L-ENTITAJIET LI QED JIEĦDU SEHEM F'DIN IL-KAMPANJA HUMA:

- Id-Diviżjoni għat-Tindif u l-Manutenzjoni
- Id-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi
- Infrastruttura Malta
- Ambjent Malta
- Parks Malta
- Il-Fondazzjoni għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi
- L-Enemalta
- Transport Malta
- L-Aġenzija għas-Sistemi tal-Infurzar Lokali

SERVIZZ PUBBLIKU
*dejjem miegħek*